# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 5 ta' Ottubru 2020**

**Talba Numru 343/2019SFJ**

***Emmanuel Grixti (880849M)***
***vs.***
***Raymond Cini Building Contractor Limited (C82763)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-1 ta' Novembru 2019 2019 li permezz tiegħu l-attur talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallsu s-somma ta' elfejn u ħames mija u erbgħa u tmenin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€2,584.40) rappreżentanti depożitu mħallas lis-soċjetà konvenuta għal xogħol li din kellha twettaq iżda qatt ma wettqet kif ukoll rappreżentanti l-prezz ta' oġġetti mixtrija mill-attur fuq talba tas-soċjetà konvenuta stess sabiex jintużaw għax-xogħlijiet relattivi. Inoltre, l-attur talab li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallas l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali datata 31 ta' Mejju 2019 u l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju relattiv, kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħaxijiet relattivi.

Ra li s-soċjetà konvenuta ġiet innotifikata permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta waħda lokali (ara fol. 34, 35 u 36 tal-proċess).

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat ebda Risposta jew sottomissjoni oħra u ma dehret għal ebda seduta.

Ra li fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2020 l-attur ippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tas-soċjetà konvenuta li permezz tiegħu ried jipprova li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tiegħu fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż tat-Talba. Is-soċjetà konvenuta reġgħet ma dehritx għall-udjenza għalkemm debitament innotifikata.

Ra illi fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2020, xehed l-attur Emmanuel Grixti fejn ikkonferma illi s-somma indikata fl-avviz ghada dovuta.

Ra li s-soċjetà konvenuta lanqas dehret fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2020 sabiex tiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni biex tikkontesta l-kawża.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li din it-talba tal-attur ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta u jqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr. Dan oltre x-xhiedha ukoll tal-attur.

Jidhirlu iżda t-Tribunal li l-attur kompletament naqas li jġib prova li huwa qatt ippreżenta xi ittra uffiċjali jew xi mandat ta' sekwestru u għalhekk ċertament it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talbiet tal-attur sakemm u safejn dawn jirrigwardaw l-ispejjeż konnessi mal-ittra uffiċjali u mal-mandat ta' sekwestru li huwa jirreferi għalihom fl-Avviż tat-Talba.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' elfejn u ħames mija u erbgħa u tmenin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€2,584.40) u bl-imgħax li għandu jibda jiddekorri b'rata mhux ogħla minn dik permessa mill-liġi mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

[i]Billi l-attur ma ppreżenta ebda prova rigward ittri uffiċjali jew mandati ta' sekwestru, it-Tribunal jiċħad dik il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż rigwardanti ittra uffiċjali u mandat ta' sekwestru.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mis-soċjetà konvenuta[ii].

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**

---

[i] B'Digriet tat-Tribunal datat nhar is-27-(sebgħa u għoxrin) ta' Ottubru, 2020, dana l-paragrafu għandu jinqara hekk:
**"Billi l-attur ma ppreżenta ebda prova rigward il-mandat ta' sekwestru, it-Tribunal jiċħad dik il-parti tal-Avviż tat-Talba fejn intalbu l-ispejjeż rigwardanti l-mandat ta' sekwestru."**

[ii] B'Digriet tat-Tribunal datat nhar is-27-(sebgħa u għoxrin) ta' Ottubru, 2020, dana l-paragrafu għandu jkompli bil-kliem miżjud sabiex jinqara hekk:
**"inklużi dawk l-ispejjeż tal-ittra ufficcjali numru 2028/19."**